# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 577/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Raymond Debono**

Illum id-disgħa (9) ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Raymond Debono**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 668860(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-18 ta' Settembru 2019 għall-ħabta tas-17:45 ta' wara nofsinhar, ġewwa Sqaq il-Warda, Għargħur, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. bil-ħsieb li jikkommetti delitt u ċioè li doložament, bil-ħsieb li joqtol lil Emmanuele Zarb, anzjan ta' erbgħa u sebgħin (74) sena mill-Għargħur, jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-

eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, permezz ta' arma regolari kkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emmanuele Zarb, anzjan ta' erbgħa u sebgħin (74) sena mill-Għargħur;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, filwaqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra s-sigurta' tal-gvern jew kontra l-persuna, jew ta' serq, jew ħsara fil-proprjeta', kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħajr il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, hedded lil Emmanuele Zarb, anzjan ta' erbgħa u sebgħin (74) sena mill-Għargħur, bil-mewt.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tapplika l-provedimenti ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li tipprovdi għas-sigurta' ta' u protezzjoni tal-persuna ta' Emmanuele Zarb, il-mara tiegħu u ż-żewġt itfal tagħhom u l-familja tagħhom, minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza skont il-provvedimenti ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Novembru 2022, fejn il-Qorti:

- filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni,

- wara li rat Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(ċ)(d)(2), 217, 218(1)(a)(b)(2) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikoli 6, 51(7) ta' Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundannatu ħames (5) snin priġunerija u multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

*Ai termini* ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala kumpens lill-parti leża Emmanuele Zarb għall-offiżi lilu kawżati, il-Qorti ordnat li l-imputat jikkumpensah fl-ammont ta' erbat elef Euro (€4,000). Din l-ordni kellha l-istess forza u effett u kellha tkun eżegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leża Emmanuele Zarb.

A tenur ta' Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti pprojbiet lill-imputat milli jkollu xi liċenzja taħt il-Kapitolu msemmi għal sentejn mid-data tas-sentenza.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' għoxrin elf, disa' mija u tnejn u għoxrin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€20,922.66) rappreżentanti spejjeż peritali.[1]

*Ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-konfiska tal-mwies eżebiti.

*Ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħarġet Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Emmanuele Zarb u familtu għal żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza.

In vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulha dwar it-tħassir ta' Artikolu 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti

[1] "Mhux qed jiġi komputat ukoll l-ammont ta' €318.60 (*fol.* 686) għar-rapport esibit *a fol.* 671 *et seq.* tenut kont li l-istess rapport kien ġie intaxxat għal €17,671.68c kif jirriżulta *a fol.* 378."

ordnat li kopja tas-sentenza mogħtija minnha tintbagħat lill-Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja, lill-Avukat Ġenerali u lill-Kummissarju tal-Liġijiet.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-8 ta' Novembru 2022 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Novembru 2022 talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma[ha] billi tikkonferma[ha] f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tielet akkuża u tħassarha u tirrevoka[ha] in kwantu l-kumplament tal-akkużi billi tilqa' l-aggravji ta' dana l-umli rikors tal-appell u fin-nuqqas tapplika piena anqas ħarxa."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-25 ta' Jannar 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm, kemm dawk mismugħa fis-seduta tad-29 ta' Frar 2024 u kif ukoll dawk mismugħa fis-seduta tat-18 ta' April 2024.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Novembru 2022.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti: Jirriżulta li bejn l-appellant u kuġinuh il-parti leża Emmanuele Zarb kien hemm kwistjoni għaddejja dwar il-proprjeta' li kien qed joqgħod fiha l-appellant. L-appellant jilmenta li l-parti leża

ripetutament kien jgħaddi minn quddiem id-dar tiegħu u jobżoq mal-art sabiex ifakkru li huwa s-sid ta' nofs il-proprjeta'. Jidher ukoll li l-appellant kien qed iħallas kera lill-familja tal-parti leża b'dana illi f'punt minnu l-familja tal-parti leża bdiet tirrifjuta din il-kera. Skont l-appellant huwa mar għamel numru ta' rapporti dwar dawn il-provokazzjonijiet. Minn naħa tiegħu, il-parti leża Zarb jgħid li kien għaddej minn quddiem id-dar fejn kien joqgħod l-appellant sabiex imur id-dar tat-tifel ħalli jtellgħalu u jniżżillu l-ħasira sakemm kien imsiefer biex b'hekk ikun jidher li d-dar qed tiġi użata.

Illi jidher li fit-18 ta' Settembru 2019 il-parti leża kien għaddej minn quddiem id-dar tal-appellant sabiex imur id-dar tat-tifel meta l-appellant allegatament f'impetus ta' rabja attakka lill-parti leża u hedded li sejjer joqtolu. Minn hemm seħħet kollutazzjoni b'dana illi l-appellant allegatament beda jagħti daqqiet ta' mus lill-parti leża u allegatament kkawża feriti ta' natura gravi lill-parti leża.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Iżda qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu ta' dan l-appell hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-

> Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li f'dan il-każ kienu jeżistu l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi d-difiża tal-passjoni istantanja hekk kif kontemplata f'Artikolu 227(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li jekk dan jintlaqa' minn din il-Qorti għandu jkun hemm temperament fil-piena b'mod li l-appellant ma jkunx ikkundannat għal piena ta' ħabs effettiv. Jilmenta li huwa kien ilu snin jiġi provokat mill-parti leża u jsemmi li huwa jgħix ġo post li l-parti leża kellu sehem minnu u li allura ma kienx kuntent dwar dan. Jispjega li din il-Qorti trid tidħol fil-*forma mentis* tiegħu (tal-appellant) li huwa persuna sempliċi u li meta l-parti leża beżaq bħal ma kien dejjem jagħmel biex ifakkru li kellu sehem mid-dar li joqgħod fiha huwa ntilef. Jargument li sal-grad tal-probabbli huwa rnexxilu jipprova li kien qed jiġi pprovokat mill-parti leża. Jgħid li stabbilit li kien hemm provokazzjoni hemm żewġ elementi oħra li jridu jiġu sodisfatti. Jgħid li jrid jiġi ppruvat jekk il-provokazzjoni kinitx istantanja u dwar dan huwa ppruvat li l-parti leża beżaq u anke l-fatt li kien jippassiġġja quddiem id-dar tiegħu (tal-appellant) kienet forma ta' provokazzjoni. Ikompli jgħid li jrid jiġi ppruvat dak li solitament isir minn persuna ordinarja f'dawn il-każijiet. Jispiċċa billi jgħid li hu (l-appellant) kien ilu snin jiġma ġo fih u għamel l-almu tiegħu sabiex jevita l-konfrontazzjoni b'dana illi tkellem mal-Pulizija u bagħat ittra interpellatorja bl-avukat.

Illi permezz tal-aggravju in eżami l-appellant iqajjem id-difiża kontemplata taħt Artikolu 227(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "L-omiċidju volontarju hu skużabbli –
>
> [...]
>
> (ċ) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;
>
> sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt:
>
> Iżda omiċidju ma jkunx skużabbli taħt dan il-paragrafu jekk ikun twettaq f'xi ċirkostanza msemmija fl-artikolu 211A:
>
> [...]."

Illi marbut ma' dan, Artikolu 235 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Ma jiswewx lill-ħati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li tagħha jinġiebu bħala skuża."

Illi qabel ma tidħol fil-mertu ta' dan l-appell din il-Qorti tirrimarka li d-difiża in kwistjoni kif rikonoxxut ukoll mill-appellant ma twassalx sabiex l-appellant jiġi liberat iżda jekk tirnexxi jkollha effett fuq il-*quantum* tal-piena li tiġi erogata. Dwar dan il-punt din

il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li jgħidu l-awturi **T.H. Jones** u **M.G. Christie** fil-ktieb Greens Concise Scots Law (1992) fejn fuq din id-difiża jispjegaw hekk:

> "It is now clear from authorities relative to homicide[2] and breach of the peace[3] that provocation does not exculpate; its function is hopefully to *"have a very considerable bearing upon the penalty which ought to be imposed in respect of [a] finding of guilt."*[4] Provocation, therefore, cannot have any different effect in relation to assault. The expectation is that it will lessen the sentence which might otherwise be imposed."

Illi din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ l-elementi li huma neċessarji sabiex id-difiża hawn fuq imsemmija tirnexxi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Zaffarese** (Numru 345/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi għalhekk hemm żewġ elementi li jsawru dana l-iskużanti u ċioè fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun waħda inġusta u trid tkun oġġettivament skontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt tal-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża. [...]
>
> Sabiex tirnexxi d-difisa taħt l-Artikolu 227(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa neċessarju *sine qua non* li l-offiżi saru immedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-vittma.
>
> [...]

[2] "**Fenning v. H.M. Advocate**, 1985 J.C. 76, per Lord Cameron at pp. 79-80."
[3] "**MacNeill v. McTaggart** (1976) S.C.C.R. Supp. 150 at p. 151."
[4] "*Ibid.*"

**Glanville Williams** fit-Textbook of **Criminal Law**[5] – jgħid:

*"Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term 'revenge' is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment."*

Id-definizzjoni klassika tal-kelma *'provocation'* ġiet meħuda mill-indirizz mogħti mill-Imħallef Derlin fl-Ingilterra fil-kawża **R v. Duffy**[6] fejn qal:

*"Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self-control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind.""*

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Bezzina et** (Numru 415/2014) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għal konklużjoni minnha milħuqa illi l-appellant kien unikament responsabbli għal offiża ta' natura ħafifa kkaġjunata fuq il-persuna ta' Keith Dimech u li ma jistax iqajjem favur tiegħu l-iskużanti tal-provokazzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 227(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Dan għaliex kif jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo, il-provokazzjoni tkun suffiċjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tiegħu.

[5] "pg. 479."
[6] "1945."

Il-kriterju għalhekk huwa wieħed oġġettiv u ċioè persuna b'temperament ordinarju. Il-Qorti tirreferi għall-ġurisprudenza:

> "**Meta tiġi biex tqies l-iskuża tal-provokazzjoni għandha titħares ir-regola miġjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni inġusta ... il-ġurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma' l-attenwanti ġenerali tal-provokazzjoni jgħid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.). Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto*" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg. 394 -397).**[7]

Għalhekk hemm żewġ elementi li fuqhom hija fondata l-iskużanti. Fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun waħda nġusta u trid tkun oġġettivament riskontrabbli. Fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta' l-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża."

[7] "Qorti ta' l-Appell Kriminali, deċiża fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Abela**."

Illi issir referenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Gauci** (Numru 472/2012) fejn din il-Qorti diversament preseduta kkwotat is-segwenti:

> "Illi fil-każ **Repubblika ta' Malta vs. Aimen Said Giali El Baden** ġie retenut:
>
> > "U f'dan ir-rigward il-liġi tgħidilna li fil-każijiet ta' provokazzjoni, ċioè f'dawk il-każijiet fejn ikun qiegħed jiġi nvokat l-attenwant tal-provokazzjoni li tkun ipproduċiet passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ, biex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-għemil tiegħu jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar ħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunx kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt."
>
> […]
>
> Illi fil-każ **Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi** ġie retenut illi*:*
>
> > "Hekk ukoll mhux ammissibbli l-skużati tal-provokazzjoni meta l-akkużat ikun ġja' għamel li ħsieb li joqtol jew li jagħmel offiża volontarja fuq il-persuna qabel ma sseħħ l-aggressjoni tal-vittma, għax f'dan il-każ ma jkunx jista' jingħad li l-akkużat ikun verament "irreaġixxa" għall-aġir tal-persuna l-oħra.""

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal dak li ngħad mill-Professur Sir Anthony Mamo fejn fin-Noti tiegħu <u>Notes on</u>

Criminal Law (Second Year – Criminal Law) jikteb hekk dwar id-difiża tal-provokazzjoni:

> "Furthermore, there are certain other limitations which in the practice of our Courts are also usually applied. As a general rule, no words or gestures, however opprobrious or provoking, will be considered to be provocation sufficient to excuse homicide by reason of instantaneous passion, if the killing is affected with a deadly weapon. But if words of provocation are coupled, for instance, with such an act as spitting upon the defendant or with a blow, they might have the effect of excusing the homicide. Also, the excuse of provocation is generally excluded if it was the defendant who first gave provocation. In the Criminal Appeal **The Police vs. S. Lia**[8] , the Court said:
>
>> "The excuse of provocation is excluded by the fact that it was the defendant who, together with his brother first went up to N. N. and in this way began the fight; it is thus the case which English Jurists indicate by the words provocation provoked by the provoker. Provocation to be admitted as an excuse requires also that the reaction shall be proportionate, whereas the defendant used a weapon"."

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' April 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giovanni Scicluna sive Giovanni Farrugia** (Numru 93/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "36. Dawn huma wħud mix-xenarji maħluqa mil-Liġi dwar l-attenwanti tal-provokazzjoni fl-ordinament

[8] "3/3.1948."

ġuridiku Malti. Il-lokuzzjoni adoperata fl-Artikolu 230(a) u (ċ) tal-Kodiċi Kriminali tekwipara l-provokazzjoni mal-kommissjoni ta' **delitt** imwettaq mis-suġġett passiva kontra s-suġġett attiv tar-reat. Meta tiġi invokata taħt dawn is-subinċiżi, l-attenwanti tal-provokazzjoni trid tkun azzjoni delittwali (stante li offiża gravi hija, minna nnifisha, offiża delittwali) u mhux sempliċement azzjoni li tmur kontra l-imġieba komunement aċċettabbli f'soċjeta' ċivili. Il-kunċett tal-provokazzjoni huwa regolat b'elementi li huma **oġġettivament riskontrabbli** u konsistenti fil-kommissjoni ta' delitt kontra s-suġġett attiv minn id is-suġġett passiv.

37. Kemm dan it-test oġġettiv huwa meħtieġ, huwa rifless ukoll minn ġurisprudenza u duttrina dwar il-limiti tal-provokazzjoni anke mifhum fis-sens wiesa' tat-terminu. Il-Qorti Kriminali fis-sede t'appell tagħha, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Philip Muscat** deċiża nhar it-12 ta' Marzu 1960 kienet stqarret hekk:

> "L-iskużanti tal-provokazzjoni ma tistgħax tingħata sempliċiment għax l-imputat, filwaqt tad-delitt kien aġitat; imma jeħtieġ li din l-aġitazzjoni tkun ġiet prodotta minn ċirkostanzi tali li jintitolawha għall-indulġenza tal-liġi. **U għalhekk il-liġi tagħna, filwaqt li min-naħa waħda tammetti l-provokazzjoni, minn naħa l-oħra tirrikonoxxi illi din il-minoranti għandha tkun limitata b'mod li m'għandhiex tmur kontra l-prinċipju li wieħed għandu l-obbligu li jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu.**[9]"

38. Limitazzjoni ġenerika oħra fuq l-attenwanti tal-provokazzjoni rikonoxxuta mill-ġurisprudenza hija l-fatt

[9] "Enfasi ta' din il-Qorti."

li tali minoranti ma tistax tiġi invokata b'suċċess meta s-suġġett attiv iġib ruħu b'mod li hu stess ikun aġixxa ta' aġent provokatur; jew meta s-suġġett passiv u s-suġġett attiv ikunu reċiprokament ipprovokaw lil xulxin. Anke l-Professur Mamo jisħaq li l-iskużanti tal-provokazzjoni hija ġeneralment eskluża jekk ikun is-suġġett attiv innifsu li jkun ta lok għall-ewwel att provokatur. Huwa jiċċita mill-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. S. Lia** deċiż fit-3 ta' Marzu 1948 fejn il-Qorti Kriminali, f'sede t'appell kienet qalet li l-iskużanti tal-provokazzjoni tiġi eskluża bil-fatt li kien l-imputat stess li kien beda l-ġlieda f'dak il-każ. Dik is-sentenza għamlet riferenza għal dak li d-duttrina Ingliża irriferiet għalih bħala **"provocation provoked by the provoker"**.[10]

[...]

42. Limitazzjoni ġenerika oħra fir-rigward tal-iskużanti tal-provokazzjoni hija wkoll riflessa fil-ħtieġa li r-reazzjoni tas-suġġett attiv tkun proporzjonata għall-att tal-provokazzjoni subit. Fil-fatt fis-sentenza **S. Lia** ċitata minn Mamo kif imsemmi iżjed 'il fuq, dik il-qorti kienet irriteniet li l-attenwanti tal-provokazzjoni kienet ukoll teħtieġ li r-reazzjoni tas-suġġett attiv tkun waħda proporzjonata, mentri f'dak il-każ l-imputat kien uża arma. Il-proporzjonalita' tar-reazzjoni tas-suġġett attiv tiġi meqjusa skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u s-sitwazzjoni li jkun jinsab fiha s-suġġett attiv fil-mument meta jkun issubixxa l-provokazzjoni. Fil-każ tal-iskużanti tal-provokazzjoni l-Liġi ma tirrikjedix neċessarjament li jkun hemm proporzjonalita' matematika bejn ir-reazzjoni tas-suġġett attiv u l-provokazzjoni inġusta subita minnu. Biss din ir-reazzjoni trid tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalita' fir-reazzjoni tal-aġent fis-sens li, meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma tkunx

[10] "Ara Notes on Criminal Law, it-Tielet Volum, paġna 242."

tirriżulta li kienet reazzjoni rraġonevolment sproporzjonata. Dan il-prinċipju ġie wkoll abbraċċjat mill-ġurisprudenza Maltija.[11]

[...]

44. Illi kif diġà intqal iżjed 'il fuq, biex l-attenwanti tal-provokazzjoni tiġi milqugħa jeħtieġ li tirriżulta rabta ta' kawża-effett bejn l-azzjoni provokatorja tas-suġġett passiv mar-reazzjoni tas-suġġett attiv tar-reat b'mod li l-provokazzjoni u r-reazzjoni jkunu seħħew viċin ħafna ta' xulxin. Iktar ma' jgħaddi ħin bejn l-att provokatur tas-suġġett passiv u r-reazzjoni tas-suġġett attiv, iżjed tiddgħajjef il-possibilita' li tiġi invokata b'suċċess l-attenwanti tal-provokazzjoni. Fl-appell kriminali **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Melchior Spiteri** deċiża nhar it-28 ta' Frar 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali abbraċċjat l-indirizz li kien għamel l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fuq l-element ta' l-immedjatezza bejn l-azzjoni provokatorja u r-reazzjoni tal-aġent tar-reat u intqal hekk:

> "Naraw dak [ix-xiehda ta' l-appellant, l-i*stato d'animo* tiegħu] fejn iwassalkom, għaliex is-sens ta' tpattija, is-sens ta' vendikazzjoni, is-sens ta' ħa nelimina sors ta' inkwiet, mhuwiex dak li jispira lil-leġislatur meta niġu għal eċċezzjonijiet ta' din ix-xorta bħal *self-defence*. Mhux dak li ġara l-bieraħ jgħodd, x'qed jiġri dak il-ħin biex ikun hemm is-*self-defence*. Jekk hija l-provokazzjoni l-istess, mhux x'għamillu ġimgħa ilu, mhux x'għamel lill-mama' tiegħi ġimagħtejn ilu, x'qed jagħmillek dak il-ħin. M'hemmx għalfejn dak il-ħin dak il-ħin, jekk ikun gara ħames minuti qabel, għaxar minuti

[11] "Ara fost oħrajn **Il-Pulizija vs. George Johnston** iċċitata aktar 'il fuq f'din is-sentenza."

> qabel, forsi siegħa qabel u għadek imdaħdaħ, għax ara x'għamillek u tkun għadek ipperturbat u aġitat. Imma jrid ikun hemm ċertu kuntest li ma għaddiex ħafna żmien biex wieħed jilħaq jikkalma, jew jilħaq isib is-sensi tiegħu. Allura anke dak li ġara qabel, tridu taraw kemm ġara qabel, u b'liema mod ġara qabel u x'ġara wara, imbagħad li ġara qabel dawk il-fatti, hemm l-element taż-żmien, tat-trapass taż-żmien, jista' jkun fattur importanti favur jew kontra l-akkużat, meta teżaminawh (sottolinear ta' din il-Qorti).""

Illi applikat dak kollu li ngħad hawn fuq għal każ odjern din il-Qorti hija tal-fehma li d-difiża tal-appellant tfalli fuq numru ta' punti. L-ewwel u qabel kollox l-appellant jitlob li meta titqies tali difiża l-Qorti trid tikkunsidra l-livell tiegħu u ċioè li huwa persuna sempliċi li ġej mis-*sub-culture* tal-Għargħur u ma huwiex xi ħadd li mar jgħix hemm dan l-aħħar. Isemmi wkoll li l-parte leża ħafirlu quddiem din il-Qorti kif preseduta fil-25 ta' Jannar 2024 u li skont hu għalhekk il-piena ta' priġunerija mhijiex ġusta.

Illi mill-*cameras* jidher biċ-ċar li l-parti leża Zarb kien għaddej għal triqtu u lanqas biss qies lill-appellant. Dan żgur ma jissodisfax ir-rekwiżit li l-azzjoni trid tkun reazzjoni għal provokazzjoni inġusta sofferta stante li ma kienx hemm provokazzjoni. Dejjem sakemm wieħed ma jikkunsidrax il-mera passaġġ mill-parti leża bħala provokazzjoni. Fatt dan li din il-Qorti ma taqbilx miegħu. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li kulħadd għandu d-dritt li jgħaddi minn post pubbliku u ma huwiex dritt ta' xi parti jew oħra li timponi divjet fuq tali passaġġ minħabba l-kapriċċi tiegħu. Jekk l-appellant ħass li l-parti leża kien qed iġib ruħu illegalment dwar id-dar huwa seta' jieħu azzjonijiet legali. Iżda żgur din il-Qorti ma tqisx il-passaġġ tal-parti leża bħala provokazzjoni.

Illi l-appellant jgħid li l-parti leża kien ilu snin jipprovokah iżda mill-atti proċesswali tirriżulta ittra bonarja datata 5 ta' Diċembru 2012 (Dok.n "RD 1" – *a fol.* 810) u rapport li sar ftit ijiem qabel l-

aggressjoni (Dok. "RD" – *a fol.* 800 *et seq.*). Ir-rapporti l-oħra saru wara.

Illi minbarra hekk jirriżulta li l-appellant aggredixxa lill-parti leża u ħabbar, waqt l-aggressjoni, l-intenzjoni tiegħu li joqtlu.

Illi tenut kont ta' kollox ir-reazzjoni tal-appellant żgur lanqas hija proporzjonata ma l-allegata provokazzjoni mwettqa mill-parti leża. Din il-Qorti tfakkar li allegatament il-parti leża kien jobżoq mal-art fit-triq (fatt li lanqas ġie ppruvat). Għalhekk lanqas jista' wieħed jgħid li kien jobżoq fuq il-persuna tal-appellant sabiex titqies bħala provokazzjoni bħal ma jindika l-Profs. Mamo fil-parti ċitata aktar 'il fuq. Se mai fil-fehma ta' din il-Qorti l-aktar li tali provokazzjoni kellha twassal kienet konfrontazzjoni verbali u żgur mhux għall-tentattiv ta' qtil!

Illi dwar it-test applikabbli din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Darren Micallef** (Numru 532/2014) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Il-provokazzjoni bħala difiża huwa regolat bil-*proviso* tal-artikolu 227(ċ) tal-Kodiċi Kriminali li jippreskrivi test oġġettiv għal sitwazzjoni bħal din. Fil-kawża **"Il-Pulizija versus Emanuel Tabone"** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 intqal "Biex provokazzjoni tkun tista' titqies bħala skużanti, trid tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-*proviso* tal-Artikolu 227(ċ). Fost dawn ir-rekwiżiti hemm li l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunament iġib l-effett li ma jkunx kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Il-kriterju, għalhekk, hu wieħed oġġettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju." Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu (paġna 241) jikkummenta: *"The test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self-control, not whether it*

*was sufficient to deprive of his self-control the particular person charged ..."."*

Illi din il-Qorti taqbel ma' din is-sentenza appena ċitata u applikata għal każ odjern din il-Qorti ma tistax taċċetta l-iskużanti mressqa mill-appellant u ċioè li huwa relattivament sempliċi u li ġej mis-*sub-culture* tal-Għargħur bil-konsegwenza li t-test tal-persuna ordinarja trid tinħadem fuq tali parametri. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li kieku wieħed kellu jaċċetta tali skużanti **biss,** wieħed jkun qed iwarrab għal kollox it-test oġġettiv tal-persuna raġonevoli – fatt dan li din il-Qorti tikkunsidra ferm perikoluż.

Illi tenut kont ta' kollox l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata li tasal għal konklużjoni li waslet għaliha rigward id-difiża mressqa mill-appellant u għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu kienet waħda ħarxa wisq meta wieħed iqis li għandu fedina kważi netta għajr għal reat żgħir li wettaq snin qabel. Jispjega li provokazzjoni kien hemm u din tal-inqas għandha sservi għat-temperament fil-piena.

Illi dwar il-provokazzjoni, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad fl-aggravju preċedenti u tapplikah fir-rigward tat-tieni aggravju b'dan illi dan il-punt jistħoqqlu jiġi miċħud.

Illi l-Ewwel Qorti ordnat, fost l-oħrajn, li a tenur ta' Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellant jiġi projbit milli jkollu liċenzja għal sentejn mid-data tas-sentenza. Stante li mhux kontestat li l-appellant kien qed iġorr arma mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa kkommetta reat taħt Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta allura tali projbizzjoni hija ġustifikata.

Illi rigward il-piena ta' priġunerija hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Settembru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Sayfedine Bonavia** (Numru 758/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta kkwotat is-segwenti li din il-Qorti tagħmel tagħha:

> "Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[12] fejn ingħad li:-
>
> *"kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna għandha, bħala regola, iġġib magħha piena restrittiva tal-liberta' tal-persuna b'effett immedjat. Soċjeta' ċivili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, għax taqbiżlu ċ-ċinga, jew għax jidhirlu li għandu lment kontra ħaddieħor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt ġustifikat) jaħbat iħebb jew isawwat lil dak il-ħaddieħor. F'dan il-każ din il-Qorti ma tarax alternattiva għal piena karċerarja.""*

Illi ċċarat dan, din il-Qorti tinnota wkoll li fix-xiehda tiegħu hekk kif mogħtija quddiem din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2024, il-parti leża Zarb iddikjara li kien ħafer lill-appellant għal dak li ġara. Minbarra dan, mill-verbal tas-seduta msemmija (*a fol.* 893 *et seq.*) jirriżulta li din il-Qorti nnutat lill-parti leża jsellem lill-appellant b'mod deskritt bħala wieħed amikevoli.

Illi stabbilit dan din il-Qorti tfakkar wkoll li fir-rwol tagħha ta' Qorti ta' reviżjoni hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm tali piena taqa' fil-parametri tal-liġi.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti hija tal-fehma li l-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti hija ġustifikata u għalhekk ma hemmx ħtieġa ta' temperament fil-piena ta' priġunerija. Din il-Qorti tgħid dan stante l-piena kontemplata taħt Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[12] Deċiża nhar id-9 ta Settembru , 2002 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

Illi stante li waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2024 irriżulta li s-sitwazzjoni bejn l-appellant u l-parti leża trangat tant li dan tal-aħħar xehed li ħafer lill-appellant, din il-Qorti ma tarax li għad hemm lok għal Ordni ta' Trażżin.

Illi għalhekk l-aggravju in eżami qed jiġu milqugħ biss fir-rigward tal-Ordni ta' Trażżin minħabba dak imsemmi hawn fuq.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta dwar l-ispejjeż li ġie kkundannat iħallas mill-Ewwel Qorti. Jispjega li dawn huma eżaġerati u li huwa ma għandux minn fejn iħallas u għalhekk ser jeħel aktar ħabs. Ikompli jgħid li anke l-ordni li jħallas is-somma ta' erbat elef Euro (€4,000) bħala kumpens ma ssemmiet minn ħadd u li għalhekk dawn il-partijiet għandhom jiġu varjati.

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-Avukat Ġenerali fir-Risposta tiegħu dwar dan l-aggravju għar-rigward tal-ispejjeż u ċioè li dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk l-inkarigi mogħtija lill-esperti kienux ġustifikati. In fatti din il-Qorti hija tal-fehma li kienu ġustifikati l-inkarigi mogħtija lill-esperti u minkejja li l-ispejjeż tagħhom m'humiex baxxi, din il-Qorti ma tressqitilha l-ebda raġuni valida sabiex b'xi mod jew ieħor twassalha sabiex tiċċensura xi ħaġa fihom.

Illi rigward il-kumpens ta' erbat elef Euro (€4,000) deċiżi mill-Ewwel Qorti a favur tal-parti leża, din il-Qorti qieset li l-parte leża ddikjara li kien qed jaħfer lill-appellant għal dak li għamel u b'hekk din il-Qorti tqies li l-parti leża ma kellu ebda interess li jirċievi s-somma msemmija mill-appellant bħala kumpens u għaldaqstant din il-Qorti mhijiex ser tikkundanna lill-appellant iħallas l-ammont imsemmi bħala kumpens.

Għaldaqstant, l-aggravju in eżami qed jiġi milqugħ biss fir-rigward tal-kumpens kif hawn fuq imsemmi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Raymond Debono u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u li minnha lliberatu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u fejn ikkundannatu ħames (5) snin priġunerija u multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti pprojbiet lill-appellant milli jkollu xi liċenzja taħt il-Kapitolu msemmi għal sentejn li jibdew jgħaddu millum;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li l-appellant iħallas l-ammont ta' għoxrin elf, disa' mija u tnejn u għoxrin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€20,922.66);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat l-konfiska tal-mwies eżebiti;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li l-appellant iħallas kumpens fl-ammont ta' erbat elef Euro (€4,000) lill-parti leża Emmanuele Zarb għall-offiżi lilu kawżati u fejn ordnat li din l-ordni kellha l-istess forza u effett u kellha tkun eżegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-appellant u l-parte leża Emmanuele Zarb;

- tħassar u tirrevoka l-ħruġ tal-Ordni tat-Trażżin *ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellant a favur tal-parti leża Emmanuele Zarb u familtu.

Finalment, in vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulha mill-Ewwel Qorti dwar it-tħassir ta' Artikolu 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna li kemm kopja ta' din is-sentenza u kif ukoll ta' dik appellata jintbagħtu lill-Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja, lill-Avukat Ġenerali u lill-Kummissarju tal-Liġijiet.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**